# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru**
**Illum 3 ta' Dicembru, 2001**

**Appell Nru 121/2001 VDG**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ivan Agius**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ivan Agius talli fi Pjazza Kastilja, gewwa l-Belt Valletta, nhar it-13 ta' Lulju, 2000, ghall-habta tal-11.30 a.m. (**1**) volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u storbju, u (**2**) qal kliem oxxen fil-pubbliku u dagha;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Gunju, 2001 li permezz taghha dik il-qorti illiberat lill-imsemmi Agius mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fid-19 ta' Gunju, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; semghet ukoll bil-gurament lill-ispettur David Saliba; ikkunsidrat:

Dana l-appell tista' tghid huwa identiku, ghal dawk li huma aggravji u fatti relevanti, ghall-appell li ghadu kif gie deciz illum stess fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Jesus Mary sive Jesmond Muscat*** (Appell nru. 119/2001 VDG). L-unika differenza hija fl-imputazzjonijiet, kif ukoll fil-fatt li l-verbal tas-6 ta' Marzu jghid hekk:

"Meta ssejhet il-kawza deher Toni Coleiro u l-Ufficjal Prosekutur. Gie ezibit certifikat mediku. Fuq talba tal-imputat mhux opposta; Kawza differita ghall-5 ta' Gunju, 2001."

F'dan il-kaz jidher li kien hemm raguni valida ghad-differiment tas-6 ta' Marzu – u cioe` minhabba li l-imputat Agius kien indispost – ghalkemm min hu Toni Coleiro u xi dritt ta' udjenza kellu ma hu xejn car ghal din il-Qorti. Mill-bqija kollox hu l-istess ghal dawk li huma d-differimenti l-ohra, u l-fatt li fl-udjenza tal-5 ta' Gunju, 2001 il-prosekuzzjoni giet il-qorti minghajr ma kienet ghamlet xoxgholha li tharrek ix-xhieda, inkluzi l-esperti. A skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti qed taghmel referenza ghas-sentenza fl-appell imsemmi. Ghall-istess ragunijiet migjuba f'dik is-sentenza, tichad l-appell ta' l-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.

Aldo Testone
Dep.Registratur